EBA/REC/2017/02
26/01/2018

# Rakkomandazzjoni dwar il-kopertura ta' entitajiet fil-pjan ta' rkupru ta' grupp

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## L-istatus ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet

1. Dan id-dokument jinkludi rakkomandazzjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet.

2. Ir-rakkomandazzjonijiet jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet jenħtieġ li jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 26.03.2018. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser jitqiesu mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki jenħtieġ li jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/REC/2017/02'. In-notifiki jenħtieġ li jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Is-suġġett, il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

## Suġġett

5. Din ir-rakkomandazzjoni tispeċifika kif l-entitajiet legali u l-fergħat (entitajiet jew entitajiet fi grupp) għandhom jiġu koperti fil-pjan ta' rkupru tal-grupp, imfassla u ppreżentati skont l-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2014/59/UE[2], l-Artikoli 3 sa 21 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2016/1075[3], EBA/GL/2015/02 dwar l-indikaturi ta' pjan ta' rkupru[4] u EBA/GL/2014/06 dwar il-firxa ta' xenarji tal-pjan ta' rkupru[5].

## Indirizzati

6. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u b'mod partikolari lis-superviżur konsolidanti u lill-awtoritajiet kompetenti kif imsemmija fl-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva 2014/59/UE għall-finijiet tal-ippjanar ta' rkupru tal-grupp.

7. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2010; lil kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta kif definiti fl-Artikolu 4(21) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013; u lil ditti ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1)(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, u b'mod partikolari lill-impriżi omm tal-Unjoni u lill-entitajiet fi grupp rilevanti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali.

## Kamp ta' applikazzjoni

8. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet japplikaw għal pjanijiet ta' rkupru tal-grupp fil-każ ta' gruppi f'impriża omm stabbilita fl-UE.

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta u d-ditti ta' investiment, kif imsemmija fil-paragrafu 7, kif ukoll il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji, kif definiti fl-Artikolu 4(20) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jikkonformaw ma' din ir-rakkomandazzjoni.

---

[2] ĠU L 173/190

[3] ĠU L 184/1

[4] Disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/documents/10180/1147256/EBA-GL-2015-02_EN+Guidelines+on+recovery+plan+indicators.pdf/485181d4-f8f1-4604-9a78-17a12164e793

[5] Disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/documents/10180/760136/EBA-GL-2014-06+Guidelines+on+Recovery+Plan+Scenarios.pdf

## Definizzjonijiet

10. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttivi 2014/59/UE u 2013/36/UE u fl-atti msemmija fil-paragrafu 5, għandhom l-istess tifsira f'dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta'applikazzjoni

11. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2018.

12. Sa fejn hija kkonċernata l-ewwel preżentazzjoni tal-pjan ta' rkupru inizjali wara d-data tal-applikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċess ta' deċiżjoni konġunta msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/59/UE, jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx il-paragrafu 58 ta' din ir-rakkomandazzjoni, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

    (a) il-pjanijiet individwali jitqiesu meħtieġa sabiex tiġi żgurata migrazzjoni bla xkiel għall-pjan ta' rkupru tal-grupp tal-informazzjoni dwar l-ippjanar ta' rkupru li attwalment hija disponibbli fil-livell lokali; u

    (b) dawn il-pjanijiet individwali jiġu kkomunikati lis-superviżur konsolidanti u jkunu kompletament konsistenti mal-pjan ta' rkupru tal-grupp.

# 4. Identifikazzjoni tal-entitajiet fi grupp

13. Għall-finijiet tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, l-impriża omm tal-Unjoni għandha tidentifika l-entitajiet fi grupp kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoini tal-konsolidament prudenzjali, inklużi l-fergħat tagħhom. Għall-entitajiet fi grupp stabbiliti f'pajjiż terz, il-kopertura tagħhom fil-pjan ta' rkupru tal-grupp għandha tqis ukoll, kif xieraq, ir-reġim applikabbli għall-ippjanar tal-irkupru fil-pajjiż tal-istabbiliment tagħhom.

14. L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw il-fergħat li huma rilevanti għall-grupp jew għall-ekonomija inkluż għas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru wieħed jew aktar, u sussegwentement ikopruhom skont it-Taqsima 6, jew bħala parti mill-entità legali li huma

jappartjenu għaliha jew b'mod indipendenti, meta dan jitqies xieraq abbażi tal-istruttura tal-grupp. Dan għandu jqis il-monitoraġġ, l-eskalazzjoni u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet kif ukoll l-implimentazzjoni tal-opzjonijiet ta' rkupru. Fl-ewwel każ, jinħtieġ li l-kopertura ta' dik l-entità legali tinkludi wkoll, fejn ikun xieraq, l-informazzjoni speċifika relatata mal-fergħa. L-impriża omm tal-Unjoni għandha, fiż-żewġ każijiet, tiżgura li kwalunkwe informazzjoni speċifika għall-fergħa meħtieġa skont it-Taqsima 6, tiġi inkluża b'mod effettiv fil-pjan ta' rkupru tal-grupp.

15. Il-fergħat li jkunu ġew identifikati bħala plus sinifikanti skont l-EBA-GL-2017-14 għandhom jiġu koperti fil-pjan ta' rkupru tal-grupp bħala entità materjali, filwaqt li jkunu rilevanti jew għall-grupp jew għall-ekonomija lokali.

16. Jinħtieġ li l-fergħat li ma jkunux materjali minħabba li dawn ma jkunux rilevanti għall-grupp u lanqas għall-ekonomija ta' kwalunkwe Stat Membru ma jiġux identifikati fil-pjan ta' rkupru tal-grupp b'mod separat mill-entità legali li jappartjenu għaliha.

17. B'mod simili, l-entitajiet li huma kklassifikati bħala O-SII (Istituzzjonijiet Oħrajn Sistematikament Importanti), għandhom jiġu koperti wkoll b'mod individwali u speċifiku fil-pjan ta' rkupru tal-grupp li jkunu jew entitajiet rilevanti għall-grupp jew entitajiet lokalment rilevanti.

18. Ir-Rakkomandazzjoni tindirizza l-kopertura ta' entitajiet fi pjan ta' rkupru tal-grupp għall-gruppi f'impriża omm tal-Unjoni. Minħabba dan, il-fergħat tal-istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom f'pajjiż terz ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni. Madankollu, fi ħdan il-kooperazzjoni superviżorja regolari fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet tal-UE jistgħu jikkollaboraw ma' awtoritajiet mhux tal-UE sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ proċeduri adegwati li jittrattaw id-diffikultà finanzjarja potenzjali ta' fergħat mhux taż-ŻEE, speċjalment jekk din jista' jkollha impatt sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja ta' Stat Membru jew tal-UE kollha kemm hi.

# 5. Entitajiet u fergħat li jikklassifikaw

19. Abbażi tal-analiżi strateġika mwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2016/1075, u b'mod partikolari abbażi tal-immappjar tal-linji operazzjonali ewlenin u l-funzjonijiet kritiċi[6] għall-entitajiet legali u l-fergħat tal-grupp skont il-paragrafu 1(b) ta' dak l-Artikolu, l-impriża omm tal-Unjoni għandha tiżgura li l-entitajiet fi grupp identifikati skont din it-taqsima jiġu kklassifikati fil-kategoriji li ġejjin:

(a) entitajiet li huma rilevanti għall-grupp ("entitajiet rilevanti għall-grupp");

[6] Ara wkoll COM DR 1075/2016 dwar id-definizzjoni tal-Funzjonijiet Kritiċi u l-Linji Operazzjonali Ewlenin

(b) entitajiet li huma rilevanti għall-ekonomija, inkluż għas-sistema finanzjarja, ta’ Stat Membru wieħed jew aktar (“entitajiet lokalment rilevanti”); u

(c) entitajiet li mhumiex rilevanti għall-grupp jew għall-ekonomija ta’ kwalunkwe Stat Membru.

20. L-impriża omm tal-Unjoni għandha tikklassifika bħala rilevanti għall-grupp kwalunkwe entità li tissodisfa kundizzjoni waħda jew aktar tal-Artikolu 7(2) (a-e) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1075, irrispettivament mir-rilevanza ta’ din l-entità għall-ekonomija, inkluż għas-sistema finanzjarja, ta’ kwalunkwe Stat Membru.

21. L-impriża omm tal-Unjoni għandha tikklassifika bħala rilevanti għall-ekonomija, inkluż għas-sistema finanzjarja, ta’ Stat Membru wieħed jew aktar, kwalunkwe entità li, mingħajr ma tkun rilevanti għall-grupp skont it-tifsira tal-paragrafu preċedenti, hija madankollu, dovuta għall-funzjonijiet kritiċi li twettaq skont l-immappjar msemmi fl-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 2016/1075, importanti għall-ekonomija, inkluż għas-sistema finanzjarja, ta’ Stat Membru wieħed jew aktar[7].

22. L-impriża omm tal-Unjoni ma għandhiex tikklassifika bħala rilevanti, la għall-grupp u lanqas għall-ekonomija ta’ kwalunkwe Stat Membru, kwalunkwe entità fi grupp li ma taqax fil-kategoriji msemmija fiż-żewġ paragrafi preċedenti.

23. L-impriża omm tal-Unjoni għandha tiżgura li l-kopertura tal-entitajiet fi grupp fil-pjan ta’ rkupru tal-grupp titwettaq b’mod li jirriżulta fi pjan ta’ rkupru wieħed, komplut, integrat u kompletament konsistenti għall-grupp kollu kemm hu.

24. L-impriża omm tal-Unjoni għandha tinvolvi lill-maniġment ta’ dawk l-entitajiet fi grupp li ġew ikklassifikati bħala grupp li huwa materjali jew lokalment rilevanti, kemm fil-fażi tat-tħejjija kif ukoll fil-fażi ta’ approvazzjoni tal-pjan ta’ rkupru tal-grupp. L-impriża omm tal-Unjoni għandha tiżgura li l-maniġment rilevanti jkun infurmat sew dwar il-pjan ta’ rkupru tal-grupp, ikun ipprovda input rilevanti u jkun impenjat sabiex jimplimentah.

[7] L-analiżi tas-Servizzi Kritiċi Kondiviżi (CSS) tista’ tkun utli sabiex jiġu ddefiniti l-funzjonijiet kritiċi. Għal reviżjoni u gwida estensivi, ara l-Parir tekniku tal-EBA dwar l-identifikazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi u l-linji operazzjonali ewlenin

# 6. Kopertura ta' entitajiet fil-pjan ta' rkupru tal-grupp

## 6.1 Entitajiet rilevanti għall-grupp

25. L-impriża omm tal-Unjoni għandha tiżgura li l-entitajiet kollha rilevanti għall-grupp jiġu indirizzati b'mod adegwat, b'mod estensiv u dettaljat, fit-taqsimiet kollha tal-pjan ta' rkupru tal-grupp u skont il-paragrafi li ġejjin.

### a. GOVERNANZA

26. L-arranġamenti ta' governanza u l-proċeduri ta' eskalazzjoni għandhom jiġu elaborati b'tali mod li jiddeskrivu l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-grupp kollu. Dan għandu jiġi żgurat b'mod li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jaraw il-fluss tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-input li għandu jingħata sabiex id-deċiżjonijiet jiġu infurmati, kemm fir-rigward tal-fluss tal-informazzjoni mill-impriża omm lill-entitajiet kif ukoll viċi versa.

27. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jipprovdi kjarifika dwar l-iżvilupp, l-adozzjoni, ir-reviżjoni u l-aġġornament tiegħu, inkluż l-involviment ta' funzjonijiet fil-livell tas-sussidjarji u l-koordinazzjoni mal-funzjonijiet korrispondenti tal-impriża omm tal-Unjoni. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-maniġment tal-entità jiġi involut b'mod adegwat fid-deċiżjoni dwar il-pjan tal-grupp, tal-inqas dwar il-partijiet rilevanti għal dik l-entità partikolari.

28. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jikkjarifika wkoll kif il-kundizzjonijiet u l-proċeduri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni fil-ħin ta' opzjonijiet ta' rkupru fil-livell tal-entitajiet rilevanti jiġu kkoordinati ma' dawk fil-livell tal-impriża omm tal-Unjoni. Għandu jiġi żgurat, sa fejn ikun possibbli skont ir-regolamenti lokali, li kemm l-impriża omm kif ukoll l-entitajiet rilevanti joperaw skont il-pjan ta' rkupru tal-grupp, sabiex jiġu evitati azzjonijiet allinjati ħażin u inkonsistenti.

29. Meta jivvalutaw il-pjan ta' rkupru tal-grupp, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw malajr il-konsistenza tal-eskalazzjoni interna u l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li japplikaw meta jiġu ssodisfati l-indikaturi ta' rkupru. Għalhekk, l-arranġamenti ta' governanza u l-proċeduri ta' eskalazzjoni għandhom jiġu speċifikati b'mod adegwat għall-entitajiet kollha li għalihom il-pjan ta' rkupru jinkludi indikaturi ta' rkupru (fil-livell tal-entità). B'mod partikolari, il-pjan ta' rkupru għandu jiddeskrivi kif in-notifika tas-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti tas-sussidjarji u l-fergħat ser tiġi żgurata fil-ħin u b'mod adegwat.

30. Fl-aħħar, għandha tingħata informazzjoni adegwata fil-livell tal-interkonnettività ta' dawn l-entitajiet mal-bqija tal-grupp, l-ekonomija u s-sistema finanzjarja tal-Istati Membri rispettivi tagħhom.

## b. INDIKATURI

31. Għall-entitajiet rilevanti għall-grupp, l-indikaturi ta' rkupru għandhom jitqiesu fil-livell speċifiku għall-entità, pereżempju skont il-mudell ta' negozju u ta' governanza tal-grupp. Jekk tali indikaturi speċifiċi għall-entità jitqiesu rilevanti, dawn għandhom jiġu inklużi fil-pjan ta' rkupru tal-grupp, flimkien ma' dawk speċifikati fil-livell tal-grupp li għalihom japplikaw il-Linji Gwida tal-EBA dwar l-indikaturi ta' rkupru[8]. Tali indikaturi għandhom jintgħażlu u jiġu kkalibrati kif xieraq biex jirriflettu l-ispeċifiċitajiet tal-entitajiet u għandhom ikunu akkumpanjati bi proċeduri ta' eskalazzjoni adegwati.

32. Barra minn hekk, il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jqis indikaturi tal-pjan ta' rkupru rilevanti u speċifiċi għall-entità għal entitajiet li jappoġġjaw linji ta' negozju ewlenin u funzjonijiet kritiċi.

## c. OPZJONIJIET

33. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jinkludi għadd suffiċjenti ta' opzjonijiet kredibbli li jistgħu jreġġgħu lura l-grupp u l-entitajiet tiegħu għall-vijabbiltà wara sitwazzjoni ta' stress. Dan jista' jinkludi, fejn ikun xieraq, l-iżvestiment ordnat ta' entità identifikata bħala rilevanti għall-grupp jew lokalment rilevanti. Meta entità twettaq funzjonijiet kritiċi, l-impriża omm tal-Unjoni għandha tikkjarifika kif ser tiġi ppreservata kwalunkwe funzjoni kritika mogħtija minn dik l-entità matul il-proċess ta' żvestiment.

34. L-għażla ta' opzjonijiet ta' rkupru adegwati fost l-azzjonijiet tal-grupp kollu jew speċifiċi għall-entità għandha tkun konsistenti mal-organizzazzjoni tal-grupp kemm f'termini tal-mudell ta' negozju, tal-governanza interna tiegħu u, fejn rilevanti, anke f'termini tar-rekwiżiti regolatorji lokali. Għal dan il-għan, il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jinkludi stima tal-impatt possibbli li l-implimentazzjoni ta' kull opzjoni ta' rkupru hija mistennija li jkollha, mhux biss fuq l-entità fejn l-opzjoni hija attivata, iżda wkoll fuq l-entitajiet kollha rilevanti għall-grupp potenzjalment affettwati. Dan għandu jkollu enfasi partikolari fuq l-implikazzjonijiet għall-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi u interdipendenzi oħrajn tal-grupp.

35. Dan jinkludi analiżi ta' kwalunkwe ħtieġa tal-komunikazzjoni interna u/jew esterna, li, fejn ikun xieraq, tirriżulta fi pjan ta' komunikazzjoni bħala parti mill-implimentazzjoni ta' kull opzjoni.

## d. XENARJI

36. Filwaqt li l-ħtieġa li jitfasslu xenarji separati u speċifiċi għal dawn l-entitajiet għandha tiddependi b'mod proporzjonat fuq il-mudell ta' negozju tal-grupp, l-impatt tax-xenarji tal-grupp kollu jew lokali fuq l-entitajiet rilevanti għall-grupp għandu jiġi stabbilit b'mod ċar fil-pjan ta' rkupru tal-grupp.

37. Meta l-mudell ta'negozju ta' entità rilevanti għall-grupp ikun uniku u jkun hemm ftit interazzjoni bejn l-entitajiet, u b'hekk xenarju tal-grupp sħiħ ma jkunx jinkludi r-riskji kollha involuti, allura

[8] Ara l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-lista minima ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi tal-pjan ta' rkupru

fil-pjan ta' rkupru tal-grupp jistgħu jiġu inklużi x-xenarji speċifiċi għall-entità sa fejn ikun xieraq. Meta l-linji ta' negozju ewlenin u l-funzjonijiet kritiċi mwettqa minn tali entitajiet ikunu koperti diġà minn xenarji tal-grupp, mhuwiex meħtieġ li jitfasslu xenarji separati għal dawk l-entitajiet rilevanti għall-grupp.

38. Meta jkun xieraq, il-pjan ta' rkupru tal-grupp jista' jinkludi wkoll xenarju wieħed fejn tiġi ġġenerata d-diffikultà ekonomika jew finanzjarja fil-livell tal-Istat Membru tal-entità individwali, iżda mbagħad tinfirex għall-grupp, u tista' tfixkel lill-impriża omm tal-Unjoni milli tappoġġja lill-entità individwali.

## 6.2 Entitajiet lokalment rilevanti

39. Għall-entitajiet fi grupp lokalment rilevanti, il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jiffoka fuq it-treġġigħ lura tal-pożizzjoni finanzjarja u l-iżgurar tal-kontinwità operazzjonali, u b'hekk jiġi żgurat li l-funzjonijiet kritiċi jiġu ppreservati f'każ ta' diffikultà. Għal dan il-għan, il-funzjonijiet kritiċi kollha ta' dawn l-entitajiet għandhom jiġu identifikati fil-pjan ta' rkupru tal-grupp.

### a. GOVERNANZA

40. L-enfasi għall-entitajiet lokalment rilevanti fil-pjan ta' rkupru tal-grupp għandha tkun fuq il-proċeduri ta' eskalazzjoni, billi ssir distinzjoni bejn il-każijiet fejn ikun meħtieġ li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jiġi ttrasferit mill-entità għall-impriża omm tal-Unjoni u meta l-impriża omm tkun infurmata bid-deċiżjonijiet iżda ma tkunx involuta fihom. L-arranġamenti ta' governanza u l-proċeduri ta' eskalazzjoni għandhom jiġu deskritti għall-entitajiet kollha li għalihom jitqiesu li indikaturi tal-pjan ta' rkupru fil-livell tal-entità huma meħtieġa. L-ispeċifikazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza (skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni(UE) Nru 2016/1075) għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tal-pjan fir-rigward tal-entità individwali ma għandhiex titqies li hija meħtieġa[9], ħlief meta ssir valutazzjoni differenti fil-kuntest tal-proċess ta' deċiżjoni konġunta msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/59/UE.

41. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jinkludi biżżejjed informazzjoni dwar l-eskalazzjoni interna u l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar il-konsistenza bejn l-arranġamenti ta' governanza, sabiex titħalla l-possibbiltà li jiġi attivat il-pjan ta' rkupru, kemm fil-livell tal-entità fi grupp kif ukoll fil-livell tal-impriża omm tal-Unjoni. Meta, skont il-pjan, l-attivazzjoni tkun tista' ssir fil-livell tal-entitajiet fi grupp, il-maniġment lokali ta' dawn l-entitajiet għandu jiġi involut ukoll fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u tali evidenza għandha tiġi inkluża fil-pjan[10].

42. Il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jipprovdi wkoll kjarifika dwar il-kapaċità tal-grupp li jimplimenta b'mod effettiv opzjonijiet ta' rkupru fil-livell lokali fejn ikun meħtieġ, kif ukoll dwar dawk l-opzjonijiet li huma implimentati fil-livell tal-grupp iżda li għandhom impatt fuq il-

[9] Il-fatt li l-arranġamenti ta' governanza għall-manutenzjoni u l-aġġornament tal-pjan ta' rkupru jistgħu ma jitqisux li huma meħtieġa ma jeżentax lill-istituzzjoni milli tippreżenta l-pjan ta' rkupru skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli. 5-8 tal-BRRD

[10] L-involviment tal-maniġment lokali jista' jieħu forom differenti, pereżempju approvazzjoni lokali tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, opinjonijiet mhux vinkolanti, eċċ.

funzjonijiet kritiċi lokali. Il-pjan ta' rkupru għandu jagħti informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li skonthom il-maniġment tal-grupp jista' jimplimenta b'mod effettiv opzjonijiet ta' rkupru fil-livell lokali u, fejn ikun rilevanti, kif inhuma involuti l-maniġment lokali u l-awtoritajiet kompetenti lokali. Barra minn hekk, għandu jiġi żgurat li l-maniġment tal-entità jiġi involut b'mod adegwat fl-abbozzar tal-pjan tal-grupp, tal-inqas f'dak li għandu x'jaqsam mal-partijiet rilevanti għall-entità speċifika.

## b. INDIKATURI

43. Għall-finijiet tal-pjan ta' rkupru tal-grupp, għandha titqies l-inklużjoni tal-indikaturi għall-entitajiet li għalihom ikunu kklassifikati funzjonijiet kritiċi.

44. Meta l-inklużjoni ta' indikaturi speċifiċi għall-entità, kif imsemmija fil-paragrafu preċedenti, tkun tqieset li hija meħtieġa, tali indikaturi għandhom jiġu kalibrati b'mod xieraq biex jirriflettu l-ispeċifiċitajiet tal-entitajiet kif ukoll kwalunkwe riskju residwali speċifiku għall-entità u għandhom ikunu akkumpanjati bi proċeduri ta' eskalazzjoni xierqa.

## c. OPZJONIJIET

45. Il-pjan tal-grupp għandu jinkludi ammont suffiċjenti ta' opzjonijiet kredibbli li jistgħu jreġġgħu lura l-grupp u l-entitajiet tiegħu għal vijabbiltà wara sitwazzjoni ta' stress. Dan jista' jinkludi, meta jkun xieraq, l-iżvestiment ordnat ta' entità identifikata bħala lokalment rilevanti. Meta entità twettaq funzjonijiet kritiċi, l-impriża omm tal-Unjoni għandha tikkjarifika kif kwalunkwe funzjoni kritika pprovduta minn dik l-entità ser tiġi ppreservata matul il-proċess ta' żvestiment.

46. L-għażla ta' opzjonijiet ta' rkupru xierqa fost l-azzjonijiet tal-grupp kollu jew speċifiċi għall-entità għandha tkun konsistenti mal-objettiv li jiġu ppreservati funzjonijiet kritiċi pprovduti mill-entità filwaqt li titqies l-organizzazzjoni tal-grupp kemm f'termini tal-mudell ta' negozju u tal-governanza interna tiegħu, kif ukoll, fejn rilevanti, f'termini ta' rekwiżiti regolatorji lokali. Għal dan il-għan, il-pjan ta' rkupru tal-grupp għandu jinkludi valutazzjoni ta' opzjonijiet ta' rkupru ewlenin b'enfasi partikolari fuq l-implikazzjonijiet għall-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi, filwaqt li jitqiesu l-interdipendenzi kollha rilevanti tal-grupp.

## d. XENARJI

47. Xenarji speċifiċi li jirreletaw mal-entità lokalment rilevanti ma għandhomx jitqiesu li huma meħtieġa, sakemm l-impatt tax-xenarji tal-grupp kollu ma jitqiesx sinifikanti għal dawn l-entitajiet.

48. Jekk ikun rilevanti, il-pjan ta' rkupru tal-grupp jista' jinkludi wkoll xenarju wieħed fejn id-diffikultà ekonomika tiġi ġġenerata fil-livell tal-Istat Membru tal-entità individwali, iżda mbagħad tinfirex għall-grupp u tista' tipprevjeni lill-impriża omm tal-Unjoni milli tappoġġja lill-entità individwali.

49. Għandu jiġi żgurat li x-xenarji tal-grupp kollu jippermettu lill-impriża omm tal-Unjoni, lill-entità lokalment rilevanti u lill-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-impatt tad-diffikultà fil-ġurisdizzjonijiet tagħhom, sa fejn ikun rilevanti.

## 6.3 Entitajiet mhux rilevanti għall-grupp jew għall-ekonomija ta' Stat Membru

50. Il-kopertura ta' dawn l-entitajiet fil-pjan ta' rkupru tal-grupp għandha tkun konċiża, pereżempju permezz ta' ċart jew tabella, u għandha tiffoka fuq l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu identifikati dawk l-entitajiet u tiġi deskritta fil-qosor il-pożizzjoni tagħhom fl-istrateġija globali tal-grupp. Għal dan il-għan, il-pjan għandu, fejn ikun adegwat u b'mod ġenerali, jiżgura li l-arranġamenti ta' governanza jippermettu li l-informazzjoni dwar sitwazzjoni ta' diffikultà fil-livell lokali tiġi trażmessa malajr 'il fuq lill-impriża omm u l-awtorità kompetenti rilevanti u viċi versa. Kwalunkwe impatt sinifikanti tal-opzjonijiet ta' rkupru fuq dawn l-entitajiet għandu jiġi nnutat b'mod ġenerali fil-pjan ta' rkupru tal-grupp, fejn ikun xieraq, filwaqt li titqies l-istruttura tal-grupp.

# 7. Il-monitoraġġ tal-kopertura tal-entitajiet fi grupp

51. Meta jirrevedi (jivvaluta) il-pjan ta' rkupru tal-grupp skont il-proċess ta deċiżjoni konġunta msemmi fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/59/UE, is-superviżur konsolidanti għandu jiżgura li l-entitajiet fi grupp jiġu identifikati u koperti fil-pjan ta' rkupru tal-grupp skont din ir-rakkomandazzjoni.

52. Meta s-sett ta' entitajiet identifikati fil-pjan ta' rkupru tal-grupp ikun differenti mill-informazzjoni li għandu s-superviżur konsolidanti abbażi tal-immappjar imwettaq u aġġornat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/98[11] u l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/99 [12] , is-superviżur konsolidanti għandu jistaqsi lill-impriża omm tal-Unjoni tikkjarifika u, fejn ikun xieraq, tirrimedja l-inkonsistenza.

53. Meta jivvalutaw kif l-informazzjoni dwar l-entitajiet differenti ta' grupp hija effettivament organizzata u ppreżentata fil-pjan ta' rkupru tal-grupp, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti involuti fid-deċiżjoni konġunta għandhom iqisu l-mudell ta' negozju partikolari tal-grupp u l-istrateġija ta' riżoluzzjoni konsegwenti (jiġifieri SPE, Punt ta' Dħul Uniku jew MPE, Punt

[11] ĠU L 21/2

[12] ĠU L 21/2

ta’ Dħul Multiplu). Filwaqt li l-grad ta’ integrazzjoni tal-informazzjoni dwar l-entitajiet individwali jista’ tkun differenti mill-bqija tal-pjan, l-istituzzjonijiet għandhom dejjem jiżguraw li l-informazzjoni mogħtija tkun konsistenti fil-pjan kollu.

54. Meta l-kopertura tal-entitajiet fil-pjan ta’ rkupru tal-grupp ma tkunx skont dawn ir-rakkomandazzjonijiet, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċess ta’ deċiżjoni konġunta msemmi fl-Aritkolu 8 tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom ifittxu li jiżguraw li dan in-nuqqas ta’ informazzjoni jiġi nnutat kif xieraq fid-dokument tad-deċiżjoni konġunta flimkien mal-iskeda ta’ żmien miftiehma sabiex in-nuqqas jiġi rettifikat mill-impriża omm tal-Unjoni.

55. Is-superviżur konsolidanti għandu jqis il-fehmiet tal-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċess ta’ deċiżjoni konġunta għall-valutazzjoni tal-pjan ta’ rkupru tal-grupp sabiex jiġi rifless it-tħassib tagħhom dwar il-kopertura adegwata ta’ ċerti entitajiet. B’mod partikolari, is-superviżur konsolidanti għandu jqis b’mod xieraq l-opinjoni tal-awtoritajiet tal-Istat Membru li fih tkun stabbilita entità rilevanti għall-grupp jew lokalment rilevanti, dwar in-nuqqas ta’ kopertura tal-entitajiet fil-pjan ta’ rkupru tal-grupp.

56. Is-sejbiet dwar nuqqas ta’ kopertura inklużi fid-dokument ta’ deċiżjoni konġunta għandhom jiġu kkomunikati mis-superviżur konsolidanti lill-impriża omm tal-Unjoni flimkien mal-passi kollha meħtieġa u l-iskeda ta’ żmien relattiva li l-impriża omm tal-Unjoni għandha tieħu sabiex dak in-nuqqas jiġi rrettifikat fl-aġġornamenti sussegwenti tal-pjan ta’ rkupru tal-grupp. Il-feedback li jasal mill-impriża omm tal-Unjoni għandu jiġi kkomunikat lill-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċess ta’ deċiżjoni konġunta.

57. F’każijiet serji, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu ħilithom biex jivvalutaw jekk in-nuqqas ta’ kopertura msemmi fil-paragrafu 54 għandux jitqies bħala nuqqas materjali tal-pjan ta’ rkupru tal-grupp: f’każ bħal dan, għandu jiġi segwit il-proċess deskritt fl-Artikolu 6(5) u 6(6) tal-BRRD.

58. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 12, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti involuti fil-proċess ta’ deċiżjoni konġunta msemmi fl-Artikolu 8 tal-BRRD ma għandhomx jitolbu l-preżentazzjoni ta’ pjanijiet individwali għall-iskop waħdieni li jindirizzaw il-kopertura insuffiċjenti tal-entitajiet fil-pjan ta’ rkupru tal-grupp kif imsemmi fil-paragrafi preċedenti.

59. L-EBA għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta’ din ir-rakkomandazzjoni, sabiex tivvaluta t-titjib fil-kisba ta’ arranġamenti tal-ippjanar ta’ rkupru konsistenti u effiċjenti għall-istituzzjonijiet tal-UE. F’dan ir-rigward, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti meħtieġa għal dan il-monitoraġġ lill-EBA.